MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (MALTA)

## MAGISTRATE DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Sitting of the 15 th July, 2003

Avviz Number. 106/2003

**Avviz numru 106/2002DM**

**Avialinks Enterprises Limited**

**Vs**

**Mark Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm2151.13 (elfejn mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u tlettax il-centezmu) rapprezentanti ammont lilha dovut ghall-merkanzija konsistenti f'numru ta' domestic appliances u barbeques lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjes, tal-avviz tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar 2003 tal-mandat ta' qbid numru 359/03JVA ippresentat

kontestwalment mal-avviz u bl-imghax legali mit-2 ta' Awissu 2002 data ta' l-ahhar invoice, kif jirrizulta mill-istatement anness bhala dokument A sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie  ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma dehrx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm2151.13 (elfejn mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u tlettax il-centezmu) sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 t' Awissu tas-sena 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------